

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar industriji bbażati fuq il-foresti innovattivi u sostenibbli fl-UE — Kontribut għall-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Impjiegi tal-UE”**

COM(2008) 113 finali

(2009/C 175/20)

Nhar is-27 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar industriji bbażati fuq il-foresti innovattivi u sostenibbli fl-UE — Kontribut għall-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Impjiegi tal-UE*

COM(2008) 113 finali.

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali, li hija inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-18 ta' Novembru 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur BURNS u l-korrapporteur kien is-Sur STUDENT.

Matul l-449 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2008 (seduta tat-3 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'167 voti favur, 2 voti kontra u 5 astensjonijiet.

## 1. Rakkomandazzjonijiet

Għar-raġunijiet imsemmija fl-opinjoni, il-KESE jirrakkomanda dan li ġej:

1.1 Li jitwessa' l-kunċett tal-industriji bbażati fuq il-foresti sabiex jinkludi s-sidien tal-foresti u operaturi ekonomiċi oħra bħall-kuntratturi tal-foresti u b'hekk jiġu identifikati l-problemi u l-opportunitajiet mill-bidu tal-katina tal-valur.

1.2 Li jittejbu aktar, anki permezz ta' studji, il-bażi ta' data Ewropej eżistenti fejn jiġu rreġistrati l-volum u l-kwalità potenzjali tal-injam maħżun kollu, kif ukoll l-użu tal-injam (minn sorsi Ewropej u minn dawk importati) mill-industriji bbażati fuq il-foresti bl-għan li dawn ikunu kompleti, f'waqthom u komparabbli.

1.3 Li tiġi appoġġjata ż-żjieda fil-produzzjoni u l-mobilizzazzjoni (jiġifieri l-aċċess għall-injam u l-użu tal-injam) tal-injam mill-foresti tal-Ewropa u l-użu xieraq tiegħu għal bosta finijiet fil-livell nazzjonali.

1.4 Li tithegġeż żjieda fl-użu tal-injam u l-materjal b'bażi ta' injam.

1.5 Li jiġu appoġġjati l-miżuri għat-titjib tal-profil tal-industriji bbażati fuq il-foresti.

1.6 Li ssir hidmaattiva favur ir-rikonoxximent tar-rwol tal-injam u tal-prodotti tal-injam fit-tnaqqis tal-effetti tal-bidla fil-klima, eż. bħala riservi tal-karbonju.

1.7 Li jitħares is-settur mill-effetti negattivi tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet.

1.8 Li jitneħħew l-ostakoli għal-kummerċ fil-qasam tal-injam u l-prodotti tal-injam. Li jiġi żgurat kummerċ ħieles iżda ġust.

1.9 Li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-riċerka tal-industriji kif stabbilit fil-kuntest tal-Pjattaforma Teknoloġika tas-Settur ibbażat fuq il-Foresti (PTF), permezz tas-Seba' Programm Qafas u programmi relatati.

1.10 Li l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll l-industriji rilevanti jiġu mħeġġa jkomplu jsaħħu l-politiki, ir-regolamenti u l-programmi tal-UE li huma relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u li huma marbuta mal-industriji bbażati fuq il-foresti, bil-għan li l-pajjiżi kollha tal-UE jilhqqu l-istess livell f'dan il-qasam.

1.11 Li jiġu żviluppati kwalifiki u taħriġ vokazzjonali Ewropej għall-katina kollha bbażata fuq il-foresti u l-injam, skont il-ħtiġijiet tal-industrija.

1.12 Li l-awtoritajiet nazzjonali u sottonazzjonali jiġu mħeġġa jirrikonoxxu u jużaw il-potenzjal tal-foresterija kummerċjali u l-industriji bbażati fuq il-foresti. Għandha tingħata l-attenzjoni mistħoqqa liż-żjieda tal-investment fl-infrastrutturi tat-toroq u oħrajn fiż-żoni rurali.

1.13 Li, flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Foresti, jiġu żviluppati sistemi għall-evalwazzjoni tal-valur ekonomiku u soċjali tal-foresterija multifunzjonali u tas-servizzi li mhumiex marbuta mal-injam u jiġi żgurat li fil-futur dawn ikunu rikonoxxuti bħala partijiet konstitwenti ta' industrija waħda, li tinkludi s-sidien tal-foresti, il-kuntratturi tal-foresti, eċċ.

## 2. Sfond

2.1 Il-Komunikazzjoni dwar “l-Industriji bbażati fuq il-foresti innovattivi u sostenibbli fl-UE” (COM(2008) 113 finali, minn issa 'l quddiem imsejħa l-“Komunikazzjoni”) u li fuqha hija bbażata din l-opinjoni, rat il-bidu tagħhafil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata “L-istat tal-kompettitività tal-industriji bbażati fuq il-foresti u

oħrajn relatati tal-UE” (COM(1999) 457 finali) u l-Komunikazzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona (COM(2005) 474 finali). Barra minn hekk, hija marbuta mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Foresti (COM(2006) 302 finali), li jkopri ħames snin (2007-2011) u għandu l-għan li jappoġġja u jsahha il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-rwol multifunzjonali tal-foresti permezz ta' 18-il “azzjoni prinċipali”. Waħda minn dawn l-azzjonijiet (in-numru 17), b'mod partikolari, għandha l-għan li tħeġġeġ l-użu tal-injam u ta' prodotti oħra tal-foresta minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli.

2.2 Il-Komunikazzjoni l-ewwel tindirizza l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-industriji bbażati fuq il-foresti, li d-definizzjoni tagħhom tinkludi l-industriji li jipproduċu l-polpa, il-karta u l-karti għall-ippakjar, l-industriji tax-xogħol tal-injam (bħal stabbilimenti fejn jisserraw l-injam il-kbir u panewijiet b'bażi ta' injam) u l-industriji tas-suq u tal-istampar. Din il-Komunikazzjoni ma tindirizzax direttament is-settur tal-foresterija li jipprovi l-materja prima ewlenija tal-industriji bbażati fuq il-foresti — jiġifieri l-injam — u lanqas ma tindirizza l-gruppi l-oħra li għandhom negozji jew li jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-foresta.

### 3. Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tenfasizza l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-industriji bbażati fuq il-foresti u tindirizza kwistjonijiet bħall-kompetizzjoni dinjija, il-bidla fil-klima, l-enerġija, il-provvista tal-injam, eċċ, u l-impatt li dawn jista' jkollhom fuq il-kompetittività u l-qligħ li ser jara s-settur fil-ġejjieni.

3.2 L-industriji bbażati fuq il-foresti huma parti importanti tal-ekonomija Ewropea u sikwit jaqdu rwol importanti għaż-żamma tal-impjieġ sostenibbli fiż-żoni rurali.

3.3 Il-problemi huma indirizzati permezz ta' 19-il “azzjoni” li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji prinċipali:

- a) L-aċċess għall-materja prima (8 azzjonijiet)
- b) Il-politika dwar il-bidla fil-klima u l-leġiżlazzjoni ambjentali (4 azzjonijiet)
- c) L-innovazzjoni u r-Riċerka u l-Iżvilupp (4 azzjonijiet)
- d) Il-kummerċ u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (2 azzjonijiet)
- e) Il-komunikazzjoni u l-informazzjoni (azzjoni waħda).

### 4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jilqa' l-attenzjoni li ġibdet il-Kummissjoni għall-isfidi li qed jiffaċċjaw l-industriji bbażati fuq il-foresti u l-lista ta' azzjonijiet proposta. Huwa jħeġġeġ li dawn ma jibqgħux biss proposti, iżda li jiġu implimentati mill-aktar fis possibbli.

4.2 Għalkemm jifhem l-isfond u l-bażi tal-Komunikazzjoni, il-KESE jiddispaċih mill-fatt li mhix qed tingħata attenzjoni, jew mhi tingħata l-ebda attenzjoni lill-operaturi fil-bidu tal-katina tal-valur, bħal pereżempju s-sidien u l-kuntratturi tal-foresti, jew lill-funzjonijiet l-oħra li ljaqdu l-foresti u li ġejjin mill-foresti (is-settur tal-foresterija (forest cluster)).

4.3 Il-KESE jħeġġeġ li tingħata akatr attenzjoni lill-bżonn ta' foresterija li tħalli l-qligħ bħala prerekwiżit għall-kompetittività tal-katina kollha tal-valur. Il-foresterija li tħalli l-qligħ issaħħa il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti (SFM) u tipprovi inċentivi għall-investment fis-settur u provvista sikura tal-injam.

### 5. Kummenti speċifiċi

#### 5.1 Aċċess għall-materja prima

5.1.1 Il-KESE inkwetat li d-deċiżjonijiet li jolqtu l-foresterija u l-industriji bbażati fuq il-foresti mhumiex dejjem ibbażati fuq statistika kompleta, fil-ħin u komparabbli dwar id-disponnibbiltà u l-użu tal-injam mill-foresti tal-Ewropa. Dan iwassal għal nuqqas ta' bilanċ bejn il-provvista u d-domanda u l-objettivi stabbiliti ma jintlaħqux. Bl-istess mod, huwa importanti li nkunu nafu u nkunu nistgħu nbassru l-volum tal-injam li jintuża mill-industriji bbażati fuq il-foresti, kemm minn sorsi Ewropej kif ukoll minn daww importati.

5.1.2 L-inizjattivi ta' politika Ewropej, speċjalment daww li jipromovu l-użu tal-bijomassa u tas-sorsi rinnovabbli tal-enerġija, tefgħu piż addizzjonali fuq id-disponnibbiltà tal-materja prima (l-injam) għall-industriji bbażati fuq il-foresti, sa ċertu punt minħabba li tfaċċaw sussidji li jfixklu s-suq. Il-KESE jinsab imħasseb dwar l-impatt tagħhom fuq l-industriji bbażati fuq il-foresti. Minħabba l-kompetizzjoni li kulma jmur dejjem tikber fil-qasam tal-materja prima tal-injam bħala sors ta' enerġija, il-KESE huwa tal-fehma li l-użu tar-riżorsi tal-foresti għal finijiet differenti għandu jkun xieraq. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinvestiga aktar fil-fond il-kunċett ta' “foresti ta' enerġija” (short rotational wood) sabiex jaqdu lis-suq tal-enerġija mill-bijomassa.

5.1.3 Is-suq għandu jiġi rregolat mill-mekkaniżmi normali tas-suq u m'għandux jiġi mfixkel minn skemi ta' sussidji li jipromovu użu partikolari u mhux ieħor.

5.1.4 Għalkemm żjieda fl-importazzjoni tal-injam mhijiex soluzzjoni Prattika għal din il-problema li qed toħroġ fid-dieher, dawn l-importazzjonijiet m'għandhomx jiġu mfixkla minn piżijiet kwantitattivi, leġiżlattivi jew oħrajn.

5.1.5 Il-KESE jemmen li l-unika soluzzjoni sostenibbli fuq il-perijodu fit-tul hija li jiżdied il-volum tal-injam mill-foresti tal-Ewropa billi

- tittejjeb il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti eżistenti għall-produzzjoni ta' injam li huwa kummerċjalment aktar vijabbli;
- tiżdied l-art riservata għall-foresti sabiex il-provvista tal-injam tkun tista' tlaħħaq aktar mad-domanda.

5.1.6 Il-KESE huwa tal-fehma li, minħabba l-importanza vitali li għandha l-materja prima għall-industrija bbażati fuq il-foresti, il-Komunikazzjoni missha ħadet ix-xoqqa f'moxtha biex tindirizza l-kwistjonijiet marbuta mas-sussidjarjetà, jiġifieri l-azzjonijiet fil-livelli nazzjonali u sottonazzjonali li jindirizzaw il-provvista tal-injam fil-perijodu fit-tul.

Huwa minnu li f'bosta pajjiżi tal-UE, l-inizjattiva li jitħawlu aktar foresti għal użu kummerċjali mhux qed tħalli l-ebda effett. Ir-raġunijiet ivarjaw, uħud mill-pajjiżi huma indifferenti u oħrajn jemmnu li jeżisti biżżejjed injam. Sadanittant, bosta studji jindikaw nuqqas ta' injam fil-livell tal-UE (1).

5.1.7 Sabiex l-injam ikun jista' jasal għand il-konsumaturi hemm bżonn ta' infrastrutturi tajbin kemm tat-toroq kif ukoll f'oqsma oħra. Investiment baxx fl-infrastruttura tat-toroq f'żoni rurali u remoti jżid l-ispejjeż tat-trasport. Pereżempju, trakk mġobbi għaddej triq rurali, meta mqabbel ma' trakk mġobbi għaddej minn toroq lixxi, jiswa 75 % aktar (ħin u karburant) għal vjaġġ tal-istess distanza. Il-KESE inkwetat dwar in-nuqqas ta' attenzjoni li rċeviet din il-kwistjoni mill-awtoritajiet nazzjonali jew sottonazzjonali. Barra minn hekk, restrizzjonijiet ta' daqs u piż fuq it-trasport tal-injam huma fattur ieħor li jżid l-ispejjeż.

## 5.2 Il-politiki dwar il-bidla fil-klima u l-leġislażzjoni ambjentali

5.2.1 Matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, il-prodotti tal-injam jaħżnu l-karbonju, b'hekk jistgħu jintużaw bħala sostituti ta' materjali oħra u jwasslu għal livell ħafna aktar baxxi ta' CO<sub>2</sub>. Il-KESE jemmen li l-UE għandha tkun aktar attiva fil-promozzjoni tal-ħażna tal-karbonju mill-prodotti tal-injam u l-kontribut pożittiv li dawn jagħmlu għall-ġlieda kontra l-effetti tal-bidla fil-klima.

Ir-rwol pożittiv tal-injam għandu jiġi rikonoxxut bis-sħiħ fil-Proċess ta' Kyoto ta' wara l-2010 u l-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħrfu dan ir-rwol fil-konferenzi tal-imsieħba li ffirmaw il-Protokoll ta' Kyoto li ġejjin, COP14 (Poznan 2008) u COP15 (Kopenhagen 2009).

5.2.2 Il-Kummissjoni issottovalutat it-theddida tal-iskambju tal-emissjonijiet fuq l-industrija Ewropej tal-polpa u tal-karta u, sa ċertu punt, fuq is-settur tax-xogħol tal-injam, li huma affettwati mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet kemm direttament, peress li huma inklużi fis-sistema, kif ukoll indirettament, minħabba ż-żjieda qawwija fil-prezzijiet tal-elettriku b'riżultat ta' din l-iskema (2). Il-pjanijiet attwali għad-Direttiva dwar l-iskambju ta-emissjonijiet ser jittgħu piż kbir fuq il-profitt tal-industrija u jistgħu jwasslu wkoll għall-għeluq jew ir-rilokazzjoni ta' għadd ta' kumpaniji. Ir-rilokazzjoni hija vijabbli għall-kumpaniji l-kbar biss; żgur li mhijiex possibbli għall-iżgħar intrapriżi Ewropej.

(1) B'mod partikolari, studju li sar fl-2007 mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar "Id-disponnibbiltà u d-domanda tar-riżorsi tal-injam", ibbażat fuq l-Istħarriġ Konġunt dwar l-Enerġija mill-Injam tal-2006.

(2) *Ibidem*.

5.2.2.1 Id-Direttiva l-ġdida dwar l-iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet fil-forma attwali tagħha tista' twassal għal distorsjoni sinifikanti fis-suq u żvantaġġ kompetittiv għall-industrija Ewropea tal-karta u għas-setturi l-oħra li jużaw ħafna enerġija. Eventwalment tista' twassal ukoll għal emissjonijiet tal-karbonju mill-kompetituri ewlenin fil-pajjiżi terzi li ma jiffaċċjawx l-istess piżijiet u spejjeż. Il-KESE jikkunsidra li huwa essenzjali li l-industrija tal-polpa u tal-karta u tal-panewijiet b'bażi ta' injam jiġu rikonoxxuti bħala industrija li jużaw ħafna enerġija u li huma vulnerabbli għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Dan għandu jseħħ immedjatament. Il-KESE jemmen li huwa tard wisq li nistennew sal-2010 biex tittieħed deċiżjoni dwar liema setturi ser jibqgħu jirċievu l-allokazzjoni parzjalment bla ħlas tal-krediti tas-CO<sub>2</sub>.

## 5.3 L-innovazzjoni, ir-Riċerka u l-Iżvilupp, l-edukazzjoni u t-taħriġ

5.3.1 L-innovazzjoni u r-Riċerka u l-Iżvilupp ċertament ser jikkontribwixxu sabiex jiżguraw futur għall-industrija bbażata fuq il-foresti. Il-KESE jilqa' t-twaqqif tal-Pjattaforma Teknoloġika tas-Settur ibbażat fuq il-Foresti u jitlob li fil-ġejjieni tingħata l-attenzjoni mistħoqqa għall-bżonnijiet tas-sottosetturi kollha. Il-finanzjament għar-Riċerka u l-Iżvilupp fis-settur għandu jiżdied, b'mod partikolari fis-Seba' Programm Qafas u programmi relatati oħra, and għandu jimmira lejn l-użu innovattiv tal-materja prima u tal-prodotti.

5.3.2 Il-proċessi mfassla biex jinkoraġġixxu l-flessibbiltà fi ħdan l-Ewropa ma waqqfux miżuri siguri u aċċessibbli sabiex l-istudenti u l-impjegati fl-industrija bbażata fuq il-foresti jakkwistaw kwalifiki komparabbli u rikonoxxuti f'diversi ambiti u sabiex jin-għataw l-opportunità li jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom bis-saħħa ta' programmi ta' taħlim tul il-ħajja. Id-diversi inizjattivi pilota fi ħdan il-programmi tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ukoll ma pproduċewx mezz li bih tista' ssir bidla kollettiva fil-prattiki ta' fuq il-post tax-xogħol li tiġi implimentata simultanjament f'arranġamenti nazzjonali. Dawn l-iżvantaġġi jlimitaw il-mobbiltà transkonfinali, iġibu fix-xejn l-ambizzjonijiet ta' karrieri internazzjonali u jlimitaw l-aċċess ta' min iħaddem għall-firxa sħiħa ta' talenti fl-industrija bbażata fuq il-foresti. L-iżvantaġġi jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-perċezzjoni komuni li, ġeneralement, il-kwalifiki disponibbli għall-impjegati fis-settur tal-foresterija, tal-karta u tal-injam m'għandhom l-ebda valur.

## 5.4 Is-saħħa u s-sigurtà

5.4.1 Bħal f'kull attività industrijali oħra, ix-xogħol fl-industrija bbażata fuq il-foresti jqiegħed is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'ċertu livell ta' riskju. Għalkemm tul dawn l-aħħar għexieren ta' snin l-industrija wettqet sforzi sinifikanti f'dan il-qasam, għad hemm ħafna xi jsir. Barra minn hekk, peress li mhux l-Istati Membri kollha jiltaqqu mal-istess problemi f'dan il-qasam, għandha tingħata l-attenzjoni mistħoqqa lit-fassil ta' soluzzjonijiet konkreti għall-kundizzjonijiet individwali ta' kull Stat Membru.

5.4.2. L-aħħar tkabbir tal-UE ġab miegħu Stati Membri li l-bżonn tagħhom li jtejbu l-implimentazzjoni tal-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà huwa ħafna akbar milli hu ġeneralment il-każ fil-bqija tal-UE. Għaldaqstant, il-Kumitat jixtieq jenfasizza l-importanza kemm ta' strumenti finanzjarji tal-UE għall-industriji bbażati fuq il-foresti li joperaw f'dawn l-Istati Membri, kif ukoll ta' livelli adegwati ta' impenn f'dan il-qasam.

#### 5.5 Il-kummerċ u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

5.5.1 L-industriji bbażati fuq il-foresti huma attivi fil-kummerċ globali u l-esportazzjoni hija importanti għaż-żamma tal-kompetittività. Il-KESE huwa mħasseb li l-esportazzjoni mill-kumpaniji tal-UE qed tiġi mfixkta bla bżonn minn ostakoli tariffarji u mhux tariffarji. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tagħti prijorità lit-tneħħija ta' dawn l-ostakoli.

5.5.2 Il-KESE huwa mħasseb ukoll dwar il-miżuri li ħadu l-imsieħba kummerċjali l-kbar, bħar-Russja, li jaffettwaw ħafna l-provvista tal-materja prima tal-injam tal-UE u jwasslu għal tnaqqis fil-produzzjoni.

#### 5.6 Il-komunikazzjoni u l-informazzjoni

5.6.1 Minkejja l-kontribut importanti tal-industriji bbażati fuq il-foresti fis-soċjetà u fl-ekonomija, il-perċezzjoni pubblika tagħhom mhijiex waħda tajba. Ħafna drabi, is-soċjetà u ċ-ċittadini ma jifhmux il-valur tal-foresti Ewropej<sup>(3)</sup>. Fl-iskejjel, l-istudenti jitgħallmu li t-tqaċċit tas-siġar huwa ħażin u li d-dinja teħtieġ ħafna siġar. Il-qtugħ illegali tas-siġar u l-prattiki ħżiena fil-qasam tal-ġestjoni tal-foresti, pereżempju fl-Amerika t'Isfel, l-Ażja tax-Xlokk u reġjuni oħra jagħmlu ħsara lill-perċezzjoni ġenerali li għandu l-pubbliku tal-industrija tal-injam.

5.6.2 Id-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar il-bidla fil-klima u l-bijoenerġija, huma okkażżjoni ewlenija għall-promozzjoni taż-żjieda fl-użu tal-injam u l-materjal b'bażi ta' injam. Il-foresti jassorbu s-CO<sub>2</sub> u l-karbonju jista' mbagħad jinħażen fi prodotti b'bażi ta' injam. Dawn l-argumenti dwar il-klima għandhom jintużaw sabiex itejbu l-perċezzjoni tas-settur kollu u tal-prodotti tiegħu; din hija kwalità unika tas-settur u għandha tiġi

promossa flimkien ma' aktar informazzjoni dwar il-valur kummerċjali tal-foresti tagħna.

5.6.3 Jeżistu bosta skemi ta' promozzjoni li huma appoġġjati mill-industrija iżda l-impatt li kellhom fuq it-titjib tal-perċezzjoni tal-industriji bbażati fuq il-foresti huwa limitat. Jeħtieġ li dawn l-iskemi jiġu żviluppjati u jitwasslu fl-iskejjel u fis-soċjetà kollha sabiex kulħadd jagħraf jifhem u jistma l-importanza tal-kultivazzjoni u l-użu tal-injam Ewropew.

#### 5.7 Inħeġġu l-użu tal-injam

Il-Komunikazzjoni tiġbed ħafna attenzjoni għall-provvista tal-materja prima tal-industriji (ara punt 5.1.), iżda ma tindirizzax l-użu tal-injam u tal-prodotti b'bażi ta' injam. Fil-mixja lejn produzzjoni u konsum aktar sostenibbli, jixraq li jkun hemm enfażi fuq it-tneħħija tal-ostakoli u tal-piżijiet leġiżlattivi, amministrattivi, finanzjarji u oħrajn sabiex b'hekk ikun hemm użu akbar tal-injam eż. fil-qasam tal-kostruzzjoni. B'mod ġenerali, il-KESE jemmen li l-politiki differenti għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi u r-rwol tal-injam u tal-prodotti b'bażi ta' injam.

#### 5.8 Il-foresterija multifunzjonali

Waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Foresti tal-2006 hija li l-foresterija għandha ssir "multifunzjonali" u toffri lis-soċjetà benefiċċi oħra minbarra l-provvista tal-injam. Minħabba nuqqas ta' informazzjoni u ta' data, il-valur preċiż mogħti lis-soċjetà mis-servizzi li mhumiex marbuta mal-injam (il-frott tal-foresti, il-faqqiegħ, il-mediċini tal-ħxejjex, il-kaċċa u t-turiżmu) ma ġiex stabbilit. Barra minn hekk, dawn in-negozji jiġġeneraw il-qligħ l-impjeg u l-opportunitajiet u għalhekk għandhom dritt li jiġu inklużi fid-definizzjoni tal-foresterija.

Għalkemm jagħraf ir-rwol tal-"foresterija multifunzjonali", il-KESE huwa mħasseb li bosta gvernijiet nazzjonali qed jittfgħu wisq enfażi fuq is-servizzi li mhumiex marbuta mal-injam bi ħsara lir-rwol kummerċjali tal-foresti bħala produttori tal-injam.

Brussell, it-3 ta' Diċembru 2008.

*Il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Mario SEPI

*Is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Martin WESTLAKE

(3) Ara "Perception of the wood-based industries — Qualitative study of the image of wood-based industries amongst the public in the Member States of the European Union" (Il-Perċezzjoni tal-industriji bbażati fuq l-injam — Studju kwalitattiv dwar il-perċezzjoni tal-industriji bbażati fuq l-injam fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea) (© Il-Komunitajiet Ewropej, 2002; ISBN 92-894-4125-9) mhux disponibbli bil-Malti. Dan l-istudju huwa disponibbli mis-sit:  
[http://ec.europa.eu/enterprise/forest\\_based/perceptionstudy\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/enterprise/forest_based/perceptionstudy_en.pdf)